

# Il-Bandiera Ewropea u l-Madonna

Ralph Micallef

Għal dawk li forsi għadhom ma jafux, naħseb tajjeb infakkru r-rabta intima li għandha din il-bandiera mal-Madonna.

Kien f'Mejju tas-sena 1949 li twaqqaf il-Kunsill tal-Ewropa fi Strasburgu li poġġa l-bażi ta' dik li matul is-snin kellha bil-mod il-mod tiżviluppa fl-Unjoni Ewropea kif nafuha llum. Kien biss sena wara dan l-avveniment storiku, li dan l-istess Kunsill mill-ewwel nieda konkors, li kien għall-artisti kollha tal-kontinent Ewropew, biex jippreżentaw abbozz għal din il-bandiera ġdida.

Fost l-għadd kbir ta' artisti Ewropej li ħadu sehem f'dan il-konkors kien hemm Arsene Heitz, pittur żagħżugħ li kien devot kbir tal-Madonna u li kien jgħid ir-Rużarju kuljum. Kien dan il-pittur żagħżugħ li ppreżenta lill-Kunsill tal-Ewropa l-abbozz tiegħu għall-bandiera Ewropea bix-xbieha ta' tnax-il stilla bajda forma ta' ċirku fuq sfond kaħlani. U minn fejn ġietu din l-idea? Kif stqarr wara hu stess, l-idea ma kinitx oriġinali u lanqas ġietu b'kumbinazzjoni. Inzerta li meta kien tnieda l-konkors Ewropew, Arsene Heitz kien qed jaqra l-istorja ta' Santa Katerina Laboure li lilha l-Madonna kienet tat il-Midalja Mirakoluża fl-1830.

U tant issaħħar wara l-istorja ta' din il-Midalja Mirakoluża li mill-ewwel fittex li jakkwista midalja għalih u għal martu. Fil-midalja mill-ewwel lemaħ tnax-il stilla madwar il-Madonna.

Kienu preċiżament dawn it-tnax-il stilla fuq sfond kaħlani, il-kulur tradizzjonali assoċjat mal-Madonna.

B'għaġeb kbir tiegħu, kellu jkun l-abbozz imressaq minnu li ġie magħżul minn M.G. Levy, id-direttur tas-servizz tal-istampa u informazzjoni li ġie mqabbad mill-istess Kunsill tal-Ewropa biex jagħżel l-aħjar abbozz.

U kellu jkun fil-jum tat-8 ta' Diċembru 1955, il-jum li fiha l-Knisja Kattolika tiċċelebra l-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Madonna li l-bandiera Ewropea, bi tnax-il stilla f'forma ta' ċirku fuq sfond kaħlani, ġiet addottata uffiċjalment mill-imseħbin kollha tal-Unjoni Ewropea.




Tel: 2752 4547 (home)
Mob: 9947 7427

**DAILY FRESH IS BEST**

Door to Door Free Delivery

Prop. M. Micallef

Specially in Mellieħa